**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 24 ta' Jannar 2017**

**Rikors Guramentat Numru:- 100/2016JVC**

**Francine Said bhala mandatarja specifiku ta' Antonia Mary maghrufa bhala Mary Allison**

**Vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici li ppremettiet:-

1. Illi Antonia Mary Victoria Vella, bint Lewis Vella u Francesca nee' Said twieldet fix-Xagħra, Ghawdex fl-ghaxra (10) ta' Novembru elf disa' mija erbgha u hamsin (1954) u c-certifikat tat-twelid taghha gie rregistrat fir-Registru Pubbliku ghal Ghawdex bin-numru progressiv seba' mija u sitta ta' dik l-istess sena (706/1954);

2. Illi Antonia Mary Victoria Vella emigrat lejn l-Ingilterra u iktar tard izzewget f'dak il-pajjiz lil Robert Allison, cittadin ta' dak il-pajjiz li lilu ghadha mizzewga sallum;

3. Illi mindu emigrat lejn l-Ingilterra, hija dejjem issejhet bl-isem "Mary" minkejja li fil-kolonna "Ismijiet moghtija" fit-"Taghrif dwar it-Tarbija" hemm indikat li l-ismijiet li nghataw lilha kienu "Antonia Mary Victoria"; u fil-kolonna "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" tal-istess taghrif hemm indikat li l-isem li bih kellha tissejjah kellu jkun "Antonia";

4. Illi sussegwentement kemm ic-certifikat taz-zwieg taghha kif ukoll id-dokumenti ufficjali u ufficjuzi kollha fl-Ingilterra li b'xi mod jirreferu ghall-esponenti nomine lkoll jirreferu ghaliha bhala "Mary";

5. Illi ghalhekk sa almenu mill-1971 Antonia Mary Victoria Vella, iktar tard Allison, minn dejjem kienet maghrufa bl-isem "Mary", u huwa dan l-isem li hija personalment u l-familja u konoxxenzi taghha minn dejjem uzaw b'riferenza ghaliha u l-isem li fih hija kienet konsistement maghrufa u msejjha;

6. Illi madankollu meta ricentement Mary Allison marret sabiex tapplika ghall-passaport biometriku, giet infurmatha li fic-certifikat tat-twelid taghha, isimha huwa ndikat bhala "Antonia Mary Victoria" u ghalhekk il-passaport taghha seta' jinhareg biss b'dak l-isem jew bl-isem "Antonia";

7. Illi dan ser johloq konfuzjoni u kjass shih ghall-esponenti nomine fil-hajja civika taghha fl-Ingilterra, u anki sa certu punt f'Malta, u fid-dawl tal-premess, hija tixtieq umilment titlob li c-certifikat tat-twelid taghha jigi korregut sabiex jirrifletti l-isem li bih hija maghrufa;

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi huwa l-isem "**Mary**" li huwa l-isem li minn dejjem intuza bħala l-isem tal-istess attrici nomine minnha u mill-familjari taghha, u l-isem li fih l-attriċi kienet konsistement imsejha minflok l-isem "**Antonia**" illi jidher fuq l-att tat-twelid taghha;

2. Konsegwentement tordna l-bdil ossia korrezzjoni tal-att tat-twelid numru 706/1954, billi fil-kolonna "*Ismijiet moghtijin*" tat-"*Taghrif dwar it-tarbija*" l-ismijiet "Antonia Mary Victoria" jiġu sostitwiti bl-ismijiet "**Mary Antonia Victoria**" u l-"*Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha*" tal-istess taghrif l-isem **"Antonia"** jigi sostitwit bl-isem **"Mary".**

Bl-ispejjez, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur Registru Pubbliku fejn gie eccepit:

1. Illi preliminarjament, a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, qabel is-smiegh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern;

2. Illi l-bidla jew korrezzjoni ta' isem taht l-artikolu 253 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta m'hijiex xi mizura ordinarja li hija miftuha ghall-inizjattiva diskrezzjonali tal-individwu. Ghall-kuntrarju din ix-xorta ta' azzjoni hija mizura straordinarja ghal skopijiet pubblici ntiza esklussivament biex telimina mill-imhuh tan-nies kull possibilita' ta' konfuzjoni u dizordni dwar l-identifikazzjoni ta' dak jew dik l-individwu. Kwindi l-awtorizazzjoni gudizzjali ta' bidla fl-isem m'ghandhiex tigi koncessa ghaliex ir-rikorrenti sempliciment tixtieq tbiddel isimha, izda tali awtorizazzjoni ghandha tinghata biss jekk jirrizulta li din mehtiega assolutament ghall-esigenza pubblika;

3. Illi subordinatament bla hsara ghall-premess in kwantu jikkoncerna mal-mertu tal-kawza, ir-rikorrenti ma pprezentat l-ebda dokument ufficcjali Malti li jissustanza t-talba taghha;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti m'huwiex edott mill-fatti li gew dikjarati fir-rikors guramentat u fid-dokumenti hemm mehmuza;

5. Illi finalment u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir da parti ta' l-esponenti, u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti kollha annessi mar-rikors guramentat;

Rat mill-atti illi saret id-debita pubblikazzjoni skont il-ligi b'dana li l-ewwel eccezzjoni llum hija sorvolata;

Rat l-affidavits esebiti fl-atti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet fis-seduta tal-15 ta' Dicembru, 2016;

Rat li l-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi mill-affidavits tal-qraba tal-attrici jirrizulta pruvat sal-grad rikjest mil-ligi lil din il-Qorti li l-attrici sa minn dejjem kienet maghrufa bl-isem ta' 'Mary' nonostante li fic-certifikat tat-twelid taghha jidhru tliet ismijiet u cioe' Antonia, Mary, Victoria u nonostante li fic-certifikat taht il-kolonna b'liema isem ghandha tissejjah hemm imnizzel l-isem 'Antonia'. Jirrizulta wkoll li sa minn meta l-attrici telghet fir-Renju Unit u zzewget u baqghet tghix hemmhekk, hija wkoll baqghet tissejjah bl-isem ta' 'Mary' u sahansitra d-dokumenti ufficcjali mahruga fl-Ingilterra juru kollha l-isem ta' 'Mary' u mhux dak ta' 'Antonia'. Illi *per conseguenza* din il-Qorti taghti mitt elf ragun lill-attrici li tinkwieta li jekk issa jinhargilha passaport bl-isem ta' 'Antonia' u mhux 'Mary' hija certament ikollha problemi kbar lura fir-Renju Unit sabiex tigi identifikata bhala li hija l-istess persuna.

Illi ghall-kuntrarju ta' dak eccepit mid-Direttur konvenut dan huwa kaz genwin u mhux kaz fejn l-attrici ghall-gost u pjacir taghha tixtieq tbiddel isimha, anzi huwa kaz fejn l-iskop pubbliku tal-ligi huwa sodisfatt stante li jehtieg li l-attrici tibqa' maghrufa bl-isem ta' Mary (li fuq kollox huwa wkoll isem moghti lilha mat-twelid) u mhux f'daqqa wahda d-dinja taghha u l-identita' taghha tigi maqluba ta' taht fuq billi jinhargulha dokumenti b'isem iehor, il-bidla hija bzonnjuza appuntu sabiex tigi evitata konfuzjoni u dizordni fl-identifikazzjoni tal-attrici.

Illi min-naha l-ohra l-Qorti mihijiex konvinta li dan l-izball fl-isem kien rizultat ta' xi zball tal-Direttur konvenut anzi l-probabbilta' hi li verament l-attrici nghatat it-tliet ismijiet indikati aktar 'il fuq fl-ordni ndikat meta giet registrata (ghalkemm mhux neccessarjament il-familjari kienu konxji mill-ordni tal-ismijiet) izda sa minn tarbija effettivament il-familjari taghha ddecidew li jsejhulha 'Mary' u mhux 'Antonia' u dik hija s-sitwazzjoni taghha llum aktar minn sittin sena wara. Ghal din ir-raguni d-Direttur konvenut ma ghandux ibati l-ebda spejjez ta' dawn il-proceduri.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijet suesposti, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara illi huwa l-isem "**Mary**" li huwa l-isem li minn dejjem intuza bhala l-isem tal-istess attrici nomine minnha u mill-familjari taghha, u l-isem li fih l-attrici kienet konsistement imsejha minflok l-isem "**Antonia**" illi jidher fuq l-att tat-twelid taghha;

(2) (a) Tilqa' t-tieni talba u tordna l-bdil ossia korrezzjoni tal-att tat-twelid numru 706/1954, billi fil-kolonna "*Ismijiet moghtijin*" tat-"*Taghrif dwar it-tarbija*" l-ismijiet "Antonia Mary Victoria" jigu sostitwiti bl-ismijiet "**Mary Antonia Victoria**" u l-"*Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha*" tal-istess taghrif l-isem **"Antonia"** jigi sostitwit bl-isem **"Mary".**

(b) Konsegwentement tordna wkoll il-korrezzjoni bl-istess modalitajiet ta' kull att sussegwenti ghall-att tat-twelid numru 706/1954.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur